# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 124/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Crystal Clean Limited (C 61249)**

**Vs**

**Apparea Limited (C 79463)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont ta' elfejn, mija u għaxar Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€2,110.31) għar-raġunijiet

aħjar imfissra fl-istess Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali u l-imgħax[1];

Ra d-dokument annessi mal-istess Avviż tat-Talba[2];

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2020, permezz ta' liema s-soċjetá konvenuta laqgħet għal dawn il-proċeduri b'eċċezzjoni ġenerali u li x-xogħol li sar ma kienx skond is-sengħa u l-arti, filwaqt li kien hemm ammont ta' xogħol li ma sarx[3];

Ra n-nota kontenenti x-xhieda ta' Kristina Xuereb, Yvette Vassallo u Sean Arrigo[4];

Sema' x-xhieda in eżami ta' Maria Attard u Stephen Debono[5];

Sema l-kontro-eżamijiet tal-istess xhieda[6];

Semá t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok CC 1, a fol 3 tal-proċess.
[3] A fol 8 *et seq.*
[4] Nota tinsab a fol 13 tal-proċess.
[5] Seduta tal-10 ta' Diċembru 2020.
[6] Il-kontro eżamijiet tax-xhieda kollha seħħet fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021.
[7] Hekk kif kien ordnat fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021. Trattazzjoni tinsab a fol 61 *et seq.*

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi d-direttriċi tas-soċjetá attriċi, Kristina Xuereb, xehdet permezz t'affidavit[8]. Hija tikkonferma dak li xehdet ukoll Yvette Vassallo u tgħid li kienet din li ħadet ħsieb din il-kwistjoni. Tgħid lis-soċjetá konvenut kienet ingaġġat lil ċertu Sean Arrigo bħala *project manager,* u lis-soċjetá attriċi kienet ħadmet miegħu fuq proġetti simili. Tgħid lis-soċjetá attriċi qatt ma kellha lmenti dwar xogħol ieħor. Tikkonferma l-kontenut tal-fattura u li l-prezz kien ta' €6.80 fis-siegħa (eskluż VAT). Inħaddmu total ta' 263 siegħa. Tgħid lis-soċjetá attriċi damet żmien twil tibgħat *reminders* sabiex isir il-ħlas mitlub b'dawn il-proċeduri. Tgħid lix-xogħol sar tajjeb u kif miftiehem.

Illi d-direttriċi xehdet ukoll in kontro-eżami[9]. Tgħid lin-nies li ħadmu fuq il-post kienu diġa mpjegati tagħha. Kienet omma, Yvette Vassallo li kienet tieħu ħsieb l-operazzjoni fuq bażi ta' kuljum. Tgħid li qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri, kienu nfurmaw lis-soċjetá konvenuta bir-rendikont. Tgħid li huma ħadmu daqs kemm talbuhom jaħdmu. Tgħid li l-ħaddiema ikollhom *timesheet* iżda f'dan il-każ ma kien hemm ħadd mis-soċjetá konvenuta sabiex jiffirmahom. Dan ir-rendikont ikun preparat mis-soċjetá attriċi. Il-ħaddiema jniżżlu s-siegħat, li kieku ma kienx hekk ma kienux jitħallsu mis-soċjetá attriċi. Hi ma kinitx tmur fuq il-post. L-ilment ma tafx

[8] Dok A, jinsab a fol 14 tal-proċess.
[9] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, xhieda tibda a fol 39 tal-proċess.

biħ. In ri-eżami, fl-istess seduta, tgħid li kienet irċeviet korrispondenza ħafna wara li spiċċa x-xogħol, fejn kienu ġew infurmati lix-xogħol ma sarx tajjeb, u dan wara li kienu rċevew il-kont.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll ċertu Yvette Vassallo, permezz t'affidavit[10]. Tgħid li hi kienet il-*managing director* tas-soċjetá attriċi fiż-żmien tax-xogħol in kwistjoni. Kienet tieħu ħsieb l-operat ta' kuljum. Tispjega lir-relazzjoni bejn is-soċjetajiet kontendenti bdiet tramite ċertu Sean Arrigo li kien ġie ingaġġat bħala *project manager* sabiex imexxi xi xogħlijiet ta' *finishing* ġewwa stabbiliment tas-soċjetá konvenuta. Tgħid lis-soċjetá attriċi tat stima lis-soċjetá konvenuta, u din ġiet aċċettata. Ix-xogħol kien primarjament ta' tindif waqt li kienu għaddejjin xi xogħolijiet. Ġew imqabbda diversi ħaddiema sabiex jagħmlu dak li kien hemm bżonn. Tgħid li l-ħaddiema damu jaħdmu f'dan il-fond għal madwar xahar. Tgħid li ġimgħa qabel ma kellu jiftaħ dan l-istabbilimnet, ix-xogħolijiet ta' *finishings* ma kienux lesti u għalhekk ma setax isir tindif b'mod komplet. Dejjem kellu jerġa jitnaddaf. Tgħid li minħabba f'hekk, l-ħaddiema tas-soċjetá attriċi kellhom jerġgħu jirrepetu t-tindif bosta drabi. Sa dan iż-żmien, huwa ma kienu qatt rċevew xi lamentala fuq ix-xogħolijiet. Kien biss fl-aħħar ġimgħa li Sean għarrafhom b'xi ilmenti. Hija marret fuq il-post u rat li ġeneralment it-tindif kien tajjeb, iżda peress li x-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin, huwa ovvju li kien sejjer ikun hemm xi trab. F'dan l-istadju huma ġew imwaqqfa. Is-soċjetá konvenuta mbagħad bdiet tgħid lix-xogħol qatt ma sar sew u għalhekk irrifjutaw li jħallsu. Tagħlaq billi tgħid li x-xogħol sar lejn l-aħħar tas-sena 2017. Ġie eżebit il-kont relattiv.

[10] Dok B, jibda a fol 15 tal-proċess.

Illi Yvette Vassallo xehdet ukoll in kontro-eżami[11]. Terġa' tispjega li l-kuntatt kien prinċipalment m'Arrigo. Id-diskors fuq ir-rata sar verbalment u tikkonfemra li hija rata baxxa għaliex kienu ħadmu m'Arrigo qabel. Tikkonferma li hija qatt ma tkellmet mas-soċjetá konvenuta. Tgħid li x-xogħol kien jikkonsisti kemm f'tindif u fi zbarazzar. Dakinhar li rċeviet ilment, hija marret fuq il-post u kien minnu li sabet xi trab, iżda skond hi ix-xogħol ta' kostruzzjoni ma kienx għadu lest. Dan kien l-unika ilment li rċevew. Dakinhar kienu għadhom qegħdin jixkatlaw is-suffitti. Ma kien hemm ħadt min-naħa tas-soċjetá konvenuta. Tgħid li dak kien lejn l-aħħar tax-xogħol. Dakinhar stess s-soċjetá konvneuta waqqfithom. Dwar it-*timesheets* tgħid li kien ikun hemm Arrigo fuq il-post. Ġeneralment dawn jiġu ffirmati minn Arrigo.

Illi f'dan il-proċeduri xehed ukoll ċertu Sean Arrigo[12]. Dan spjega li huwa jaħdem bħala *design and project manager* u jassisti ħwienet li jkunu sejrin jiftħu, fir-rigward ta' *finishing works*. F'xogħolijiet simili, għal dak li jikkonċerna xogħol ta' tindif huwa ġeneralment jqabbad lis-soċjetá attriċi. Oriġinarjament kienu ġew ingaġġati xi ħaddiema oħra sabiex jagħmlu x-xogħol ta' tindif iżda s-soċjetá kovenuta aċċettat li tkun is-soċjetá attriċi li tagħmel ix-xogħol ta' tindif tal-aħħar. Jgħid li jew hu jew kollega tiegħu kienu jkunu fuq il-post waqt ix-xogħol, filwaqt li s-soċjetá konvenuta, jew rappreżentanti tagħha kienu jiġu u jmorru. Jgħid lis-soċjetá konvenuta ma kinitx qiegħda tħallas *suppliers* oħra. Jgħid li s-soċjetá attriċi għamlet xogħol sew f'dan il-każ u kien biss proprju fl-aħħar lis-soċjetá konvenuta bdiet tgerger fuq is-servizz. Jgħid li anki hu għandu problemi sabiex jitħallas tax-xogħol tiegħu.

[11] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, xhieda tibda a fol 43 tal-proċess.
[12] Affidavit immarkat bħala Dok C u jibda a fol 19 tal-proċess.

Illi l-istess xhud iddepona wkoll in kontro-eżami[13]. Jgħid li ilu jutilizza s-servizzi tas-soċjetá attriċi għal numru ta' snin f'proġetti simili. Ma jafx jekk kienx iddiskuta r-rati bil-miktub. Isemmi li kien hemm nies oħra tiegħu li kienu jżuru l-post. Ma jaqbilx li fil-perjodu bejn Ottubru u Novembru ma kien hemm ħadt preżenti. Kien hu li kien iċempillhom biex jiġu jnaddfu. Kien iċemepel lil Stephen Debono dwar kemm il-ħaddiem ried u kemm siegħat kellhom jaħdmu. Kien Debono li kien jagħti struzzjonijiet. Kien jivverifika li x-xogħol kien sar. Jidhirlu li l-*job sheets* kienu ngħataw lid-diretturi tas-soċjetá konvenuta. Kien hu, jew ħaddiema tiegħu, li kienu jiffirmawhom.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet Maria Attard, direttriċi tas-soċjetá konvenuta[14]. Tgħid lis-soċjetá konvenuta kienet ingaġġat is-servizzi ta' Sean Arrigo sabiex dan jieħu ħsieb jingaġġa servizzi u ħaddiema rikjesti għal-ftuħ tal-ħanut tagħhom. Tispjega li kien hemm xi problemi ta' komunikazzjoni miegħu. Tgħid li lejn l-aħħar ta' Novembru 2017, hija u Stepehen Debono (direttur ieħor) marru fuq il-post u raw li l-art ma kinitx nadifa u kienet qalet b'dan lil żewġ ħaddiema tas-soċjetá attriċi. Tgħid li kien Arrigo li kien għażel lis-soċjetá attriċi. Ma tiftakarx jekk ma kienux aċċettaw xi *quotation*. Tgħid li f'xi żmien Arrigo ma kienx ikun fuq il-post kuljum. Dakinhar li marret hi, il-ħaddiema ma rathomx inaddfu, u x-xogħol l-ieħor kien kważi lest, salf għal xi panneling. Tgħid lix-xogħol waqa lura u l-ħanut fetaħ fit-13 ta' Diċembru 2017. Tgħid li dakinhar li rat il-ħaddiema tas-soċjetá attriċi bi ftit ilma, (skond hi ftit wisq għal 200 metru kwadru, li kien id-daqs ta' wieħed mis-sulari), kienet ċemplet lis-soċjeta attriċi sabiex tgħidilhom lix-xogħol mhux qiegħed isir sew. Hemmhekk waqfu s-servizz. Dwar ir-rendikont ta' servizzi[15] ix-xhud ma tistax tikkonferma jekk

[13] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, xhieda tibda *a tergo* ta' fol 47 tal-proċess.
[14] Seduta tal-10 ta' Diċembru 2020, xhieda tibda a fol 25 tal-proċess.
[15] A fol 17 tal-proċess

dawn humiex veritiera, għaliex kien Arrigo li kellu jkun fuq il-post. Tgħid li lis-soċjetá attriċi qatt ma ħallistha għaliex ma setgħetx tikkonferma s-siegħat li jnħaddmu. Lejn l-aħħar tat-testimonzjanza magħmula in eżami tikkonferma li probabilment ir-rati inizjalli kienu ġew aċċettati. Tikkonferma li hija tkellmet darba biss mas-soċjetá attriċi, dakinhar li marret fuq il-post lejn l-aħħar ta' Novembru 2017.

Illi l-istess xhud ġiet imtella tixhed in kontro-eżami[16]. Tgħid li l-post kien ġebel u saqaf u kien hemm xogħol kbir xi jsir ġewwa fiħ, dan dam madwar sentejn. Il-ħanut infetaħ f'Diċembru 2017. Tgħid li fl-aħħar xhur kienu jkunu hemm kuljum. Waqt li kien hemm is-soċjetá attriċi taħdem, jew hi jew ir-raġel kienu jkunu hemm. Ma tistax tgħid pero li kienet tmur tissorvelja l-operat tagħhom. Taqbel li kien hemm xogħol ieħor li kien qiegħed isir fl-istess żmien. Taqbel li trabijiet u ħmieġ kien ikun hemm minħabba dawn ix-xogħolijiet. Taqbel li hija lmentat darba waħda biss. Tgħid li ma tridx tħallas għax ma tafx is-siegħat li kienu nħadmu. Imbgħad tgħid anki għaliex ix-xogħol sar ħażin. Tgħid li x'aktarx dawn it-*timesheets* ġew mitluba, iżda mhux direttament minnha. Ma kinitx hi li tkellmet ma Yvette Vassallo iżda r-raġel tagħha. Tagħlaq billi tgħid li ma kinitx tkun fuq il-post minn filgħodu sa fil-għaxija għax kulħadd għandu x'jagħmel.

Illi xehed ukoll id-direttur l-ieħor tas-soċjetá konvenuta Stephen Debono[17]. Jispjega li huma kienu ngaġġaw lil Sean Arrigo sabiex jieħu ħsieb il-ftuħ ta' dan il-ħanut. Kien hu li qabbad lis-soċjetá konvenuta, għalkemm ma jistax jiftakar li kien ra r-rati qabel ma ġiet ingaġġat jgħid li ġeneralment hekk isir. Jgħid li f'Ottubru hu kien mar

[16] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, xhieda tibda *a tergo* ta' fol 56 tal-proċess.
[17] Seduta tal-10 ta' Diċembru 2020, xhieda tibda *a tergo* ta' fol 31 tal-proċess.

fuq il-post u ma kienx kuntent għaliex sab żewġ ħaddiema tas-soċjetá attriċi bi ftit ilma ġewwa barmil. Huwa ma kienx kuntent b'dan u ċempel lis-soċjetá attriċi. Dakinhar huwa keċċa lil dawn il-ħaddiema u ma sarx aktar xogħol. Jgħid li s-soċjetá attriċi ma kinitx serja u li kien irċieva kont xhur wara. Jgħid li ma hemmx provi li s-siegħat li qiegħda tgħid is-soċjetá attriċi jekk verament inħaddmux. Hu ma kienx ikun fuq il-post kuljum. Pero jgħid li hu mar fuq il-post darba u ma jistax jgħid jekk kienx hemm nies oħra tas-soċjetá attriċi. Ma jafx min kien iffirma għal dawn is-siegħat.

Illi l-istess xhud iddepona in kontro-eżami[18].Jgħid li kienu ngaġġaw lil Arrigo fuq proġett ieħor. Jgħid li Arrigo ma kienx ħa dan il-proġett bis-serjeta'. Jgħid li kien ikkonferma r-rati qabel ma bdew jaħdmu s-soċjetá attriċi. Dak iż-żmien it-tindif kien sekondarju. Jgħid li kien imur ta' spiss, iżda ma kienx għassa tal-ħaddiema tas-soċjetá attriċi. Qatt ma kellu *timesheets* u ma jistax jgħid jekk dawn ma ġewx iffirmati min Arrigo. Ippretedena li mal-fattura kellu jkun hemm it-*timesheet*. Dakinhar li rċieva l-kont huwa kien lmenta kemm fuq dan ilf-att u fuq il-fatt li skond hu ix-xogħol ma sarx tajjeb. Ma rax lil Yvette Vassallo fuq il-post. Jgħid li x-xogħol sar ħażin għax il-ħaddiema kellhom barmil wieħed u ftit ilma. Hemmhekk kien waqqafhom.

Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali qasira jmiss li t-Tribunali jinvesti fl-aspetti legali tal-vertenza odjerna.

---

[18] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, xhieda tibda a fol 56 tal-proċess.

Illi f'moħħ it-Tribunal jirriżulta li r-relazzjoni bejn il-kontendeni hija dik ta' *locatio operis*[19]. Strettament, il-ġurisprudenza tagħna titkellem ukoll dwar *locatio operarum*[20]. Hekk huwa f'dan il-każ għaliex is-servizz mogħti ma kienx wieħed li jikkonċerna xi *opra* iżda kuntratt fejn is-soċjetá attriċi obbligat ruħha li tħejji servizz determinat u kwantifikat bil-ħin[21]. Naturalment, il-prinċipju ġenerali huwa li min jippresta s-servizzi tiegħu jagħmel hekk kontra id-diżimpenn tal-parti l-oħra li tħallas għal dak is-servizz. B'hekk il-massima li sservi bħala bażi għal-istanza attriċi hija

---

[19] Għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 1623 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-tip ta' relazzjoni ġiet ikkonfermata bħala tali fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Buttigieg vs Phone Direct Limited** (Appell Ċivili Numru: 310/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti, li kienet qiegħda teżamina azzjoni b'relazzjoni simili qalet hekk: *"Huwa fatt inkontrastat illi l-attur gie imqabbad mis-socjeta` konvenuta jaghmel xoghol ta' accountant. Tali ftehim certament jikkonfigura bhala wiehed ta' "locatio operis" definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Essenzjalment dan igib li min jippresta s-servizzi tieghu proprji, taht kwalsiasi forma u ghall-vantagg ta' haddiehor li jkun hekk inkarigah, jisthoqqlu li jigi retribwit. Dan fuq l-istregwa tal-massima tradizzjonali maghrufa "omnia labor optat premium".*

[20] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Executive Security Services Limited vs Cavendish Hotels Limited,** (Rik Maħluf Nru: 496/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Diċembru 2021 li reġgħet għamlet referenza għal din id-distinzjoni. Dik il-Qorti riaffermat hekk: *"Minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija waħda ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, kif mifhuma taħt l-artikolu 1623 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-ġurisprudenza tagħraf bejn żewġ suriet ta' kuntratti ta' kiri ta' xogħol: dak ta' locatio operarum u dak ta' locatio operis (ara inter alia John Andrea Bonnici v. Wisq Reverendu Dun Giuseppe Cauchi et nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Mejju, 1966 u Sue Bartolo v. Antoine Vassallo deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2005); Kif jikteb il-Professur V. Caruana Galizia, f'paġna 752 tan-noti tiegħu dwar Lease (Pre-1995) stampati mill-Għaqda Studenti tal-Liġi, «The "locatio operarum" may be defined as that contract in virtue of which a person (the lessor) binds himself towards another (the lessee) to perform a certain work or service, for a specified time and in return for a specified salary. The "locatio operis" may be defined as that contract whereby one of the parties (the lessor) binds himself to do a specified piece of work ("opera"), or to have it done for the other party (the lessee) in return for a specified salary.»"*

[21] Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Caruana vs Vincent Farrugia et,** (Ċit Nru: 2427/1996/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Novembru 2003, dan il-kuntratt ġie definit hekk: "*In-natura guridika tal-ftehim intervenut bejn l-attur u lkonvenuti jidher li hi dik ta' "locatio operarum" jew "kiri ta' xoghol" kif ahjar definita fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Prova ta' dan hi dik li l-attur kellu jithallas b' rata prestabbilita` bis-siegha. Dan jirrivesti l-karatteristika ta' impjieg ghal certu zmien konsiderat ix-xoghol stipulat millpunto di vista tat-tul tieghu, fil-kwantita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghal sid."*

dik li *omnia labor optat premium*[22]. Terġa u tgħid, il-Qrati tagħna rrikonoxxew ukoll dan id-dritt meta x-xogħol li jkun sar huwa oltre' dak li jkun ġie patwit[23]. Dan il-prinċipju ma jistax jiġi faċilment skartat[24]. Bl-azzjoni odjerna, is-soċjetá attriċi qiegħda titlob ħlas għas-servizzi professjonali mogħtija minnha, wara li ġiet ingaġġata biex tagħmel hekk mis-soċjetá konvenuta[25].

Illi s-soċjetá konvenuta tibbaża d-difiża tagħha primarjament fuq żewġ binarji[26]. Tgħid li x-xogħol li sar kien imwettaq ħażin u li kien xi xogħol li ma sarx.

Illi jrid jingħad li dan it-Tribunal ħaseb fit-tul fuq din il-kawża proprju minħabba l-provi li ġew offruti lilu sabiex jasal għad-deċiżjoni. Dawn jikkonsistu fil-verità minn

---

[22] Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: *Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall-principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli talQorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun ilkwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"*

[23] *Vide* dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet **Nicky Saliba vs Kunsill Lokali Nadur** (Appell Ċivili Numru: 111/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar 2 ta' Marzu 2010.

[24] F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri bl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004.

[25] Għalkemm is-soċjetá konvenuta tgħid li fil-verità kien Arrigo li kien ingaġġa lis-soċjetá attriċi, huwa ċar lis-soċjetá konvenuta kienet taf bl-eżistenza tas-soċjetá attriċi u li kienet kuntenta bir-rati li dawn offrew. Għalhekk, f'moħħ it-Tribunal, ma hemmx ħtieġa li dan it-Tribunal jagħmilha t'arbitru hu stess u jħaddan dak li jippermetti l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[26] Fil-verità, s-soċjetá konvenuta utilizzat ukoll eċċezzjoni ġenerika. Hawnhekk it-Tribunal iqis li għandu jagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **Catherine Cauchi vs Keith Seychell, (Tlb Nru: 176/2019)** mogħtija riċentement fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2021. Dan it-Tribunal jabbraċċja dak hemm awtorevolment deċiż dwar eċċezzjonijiet simili, kif diġa għamel f'sentenzi preċedenti tiegħu.

depożizzjonijiet tad-diretturi tas-soċjetajiet kontendenti u emerġa ċar li hemm element qawwi ta' soġġettivitá[27]. Ukoll, għalkemm jidher li Sean Arrigo huwa estranju għal din il-viċenda, ikollu jingħad li dan it-Tribunal fiehem kemm minnu, kif ukoll mis-soċjetá konvenuta, jidher lir-relazzjoni ma tantx hi waħda tajba u għalhekk ix-xhieda tiegħu, għalkemm kienet t'għajnuna, ġiet eżaminata minn dan it-Tribunal b'ċertu ċirkospizzjoni. Jidher li s-soċjetá konvenuta ma tantx kienet kuntenta bix-xogħol li wettaq dan Arrigo, u l-istess Arrigo qal li hemm xi pendenzi ta' ħlasijiet allegatament dovuti lilu.

Illi wkoll is-soċjetá attriċi m'eżebitx it-*timesheets* rilevanti. Din setgħet tkun prova importanti wkoll għaliex setgħet b'mod aktar oġġettiv tagħti dawl u affidament għas-siegħat riklamati b'dawn il-proċeduri. Ukoll ma jidhirx lis-soċjetá attriċi kienet tħaddan u tutilizza sistema ta' *satisfaction notes*[28]. Kieku kien hekk, din ir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza kien ikun ferm aktar faċli.

Illi madanakollu, mill-assjem sħiħ tal-provi hekk kif jemerġu mill-atti, ma jirriżultawx lil dan it-Trbiunal il-mankanzi li qiegħda tatribwixxi lis-soċjetá attriċi dik konvenuta. Dan qiegħed jingħad għaliex ħareġ ċar ċertu nkonsistenzi fix-xhieda

---

[27] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

[28] Inċidentalment, dan il-*modus operandi* ġie diskuss u kien ċentrali fir-raġunament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **Bad Boy Cleaning Services Limited vs Lorry Caruana,** (App Ċiv Nru: 210/2017/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 t'' Marzu 2019.

kemm ta' Maria Attard u Stephen Debono kemm dwar il-frekwenza ta' kemm il-darba kienu fuq il-post meta kien hemm il-ħaddiema tas-soċjetá attriċi u kif ukoll dwar x'kien ix-xogħol allegatament ħażin. Meta kienu jkunu preżenti (jekk verament kienu jkunu preżenti aktar minn darba waqt li kien hemm il-ħaddiema tas-soċjetá attriċi) ma kienux jagħtu każ dak li kienet qiegħda tagħmel is-soċjetá attriċi.

Illi fil-verità jidher li kien hemm okkażżjoni waħda biss fejn is-soċjetá konvenuta lamentat dwar l-operat tal-ħaddiema tas-soċjetá attriċi. Kienet f'din l-okkażżjoni biss li hija waqfet lill-istess ħaddiema milli jkomplu jaħdmu. Mument wieħed instantantju m'huwiex biżżejjed (jekk dejjem dak il-mument jista jingħata t-tifsira ta' nuqqas ta' diliġenza kif trid is-soċjetá konvenuta) sabiex jinnewtrallizza s-servizz kollu mogħti. Minn dak li emerġa, dak il-ħin kien għad hemm xogħolijiet għaddejjin u kien għalhekk bil-fors mistenni li jkun hemm xi trab għadu hemmhekk. Irriżulta fil-fatt li kien għad hemx xi xogħol xi jsir fl-aħħar ġimgħa qabel id-data meta kellu jinfetaħ dan il-ħanut. Dawn huma fatti normali fiċ-ċirkostanzi. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li ntwera li s-soċjetá attriċi naqset milli teżegwixxi xi xogħol (fuq dan is-soċjetá konvenuta hija totalment karenti għal dak li jikkonċerna produzzjoni ta' provi) u li sar xi xogħol ħażin.

Illi kif diġa ngħad, dan it-Tribunal eżamina x-xhieda t'Arrigo b'ċertu ammont ta' kawtela. Min-naħa l-oħra peró dan ix-xhud kien ċar li x-xogħol sar (jagħti ferm aktar dettallji fuq il-kwalitá tax-xogħol) u li dan ix-xogħol sar sew. Is-soċjeta' konvenuta ma tistax tippretendi li abbażi t'okkażżjoni waħdanija tirrifjuta li tħallas għas-servizz kollu meta ma ħaditx ħsieb li tissorvelja l-operat f'ħanut tagħha stess għal-aktar minn xahar[29]. Ta' dan ikollha tgħid *imputet sibi.*

---

[29] Il-kunċett ta' sorveljanza (fost diversi prinċipji oħra li għandhom applikazzjoni għal dan il-każ) ġie wkoll diskuss propju f'kawża li kienet titratta kuntratt ai termini tal-artikolu 1623 tal-Kapitolu

Illi wara kollox, irid jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova għal eċċezzjonijiet simili tirraġġira fuq il-parti konvenuta u dan anke in omaġġ tal-massima "*reus excipiendo fit actor*"[30]. Rinfaċċjat bil-provi tas-soċjetá attriċi, kien dmir tas-soċjetá konvenuta tissostanzja aħjar dak allegat minnha[31]. Eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova. Dan huwa hekk b'aktar qawwa għal dak li jikkonċerna t-teżi tas-soċjetá konvenuta li x-xogħol magħmul ma kienx t'utilitá għaliha[32].

---

16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioé dik deċiża permezz ta' sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef vs Christopher Pace,** (App Ċiv Nru: 235/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu 2004.

[30] Fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Agius vs Giuseppe Clancio nomine** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Lulju 1939 (Kollezz Vo. XXX.i.395), liema sentenza hija konsistentement iċċitata mill-Qrati tagħna, ntqal li *"f'certu kazi l-konvenut bl-eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju reus excipiendo fit actor, u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa fl-istess azzjoni"*

[31] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."*

[32] Rilevanti hawn dak li ntqal fis-sentenza (li saret referenza għaliha mid-difensur tas-soċjetá konvenuta fit-trattazzjonani finali fl-ismijiet **Marie Paul Wagner vs International Translation Agency Ltd,** (App Ċiv Nru: 425/2007) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Ottubru 2009 fejn "*Hu principju konsagrat fil-gurisprudenza illi min jindahal ghal bicca xoghol ghandu l-obbligu li jassikura illi l-prestazzjoni tieghu tkun sejra ssir utilment, u mhux b'mod li tikkontjeni difetti. Hu, anzi, ammonit illi "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'il quddiem". Ara "Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972. Dan ighodd sew ghallappalt kif ukoll ghal locatio operis in kwantu f'dan ta' lahhar hu anke annoverat l-appalt. Ara Artikolu 1626 (c) Kodici Civili; Jekk allura x-xoghol ma jsirx sewwa u skond ir-regoli ta' larti fis-sengha jew il-professjoni partikulari, min jintraprendi dak ix-xoghol lanqas ma jkollu dritt ghall-ebda parti tal-hlas. Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell Inferjuri, 7 ta' April, 1923, trattasi wkoll minn kuntratt ta' locatio operis, illi "come ha ritenuto la Corte d'Appello in re: 'Andreas -vs- Grima' (Vol. XVI P I p 37), che niun compenso spetta al locatore d'opera, quando questa per incapacita` di lui riesce dannosa anziche utile al conduttore";*

Illi finalment, it-Tribunal irid jirrimarka li dak hawn fuq deċiż m'għandux jirrifletti b'mod negattiv fuq ix-xogħol lodevoli li għamlet l-abbli difensur tas-soċjetá konvenuta. Huma l-fatti li ma jirrispekjawx il-linja difensjonali.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna s-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' elfejn, mija u għaxar Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€2,110.31) bl-imgħax legali iżda biss fuq l-ammont ta' elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,788.40) [33] mit-22 ta' Ġunju 2020 [34] sad-data tal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[35], jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[33] Dan qiegħed deċiż hekk minħabba li l-ammont mitlub jinkludi wkoll t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan ta l-aħħar huwa ammontanti għal €321.91 u huwa import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imgħaxijiet favur is-soċjetá attriċi. F'dan is-sens issir referenza għas-segwenti deċiżjonijiet
[34] Data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni. L-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba ma ġietx debitament eżebita (u lanqas prova tan-notifika tagħha) u għalhekk m'hijiex qiegħda tiġi kunsidrata ai fini t'imgħax.
[35] *Ibid* nota 34.